MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 728/2007

**Godwin Mifsud (ID 830857 M) ghad-ditta Ranger Limited (C 10316)**

**vs**

**John (ID 208160 M) u Josephine (ID 476956 M) konjugi Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas mill-konevnuti jew min minnhom is-somma ta' elfejn, seba' mija u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,750.99) ekwivalenti ghal Lm1,181 rapprezentanti in kwantu ghal Lm976 bilanc minn somma akbar rapprezentanti kiri ta' vettura u dan skond il-fatturi annessi kollettivament mat-talba; Lm180 rapprezentanti citazzjonijiet diversi li wehlu l-konvenuti fil-perjodu meta l-vettura kienet mikrija lilhom u dan skond dokument annessi kollettivament mat-talba u Lm25 rapprezentanti spejjez ta' mera ta' l-istess vettura li kellha tinbidel wara illi

l-konvenuti kissruha meta l-vettura kienet mikrija ghandhom u dan minbarra l-ispejjez u d-drittijiet ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 891/07 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2373/07.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti imharkin in subizzjoni u bl-imghax mahdum skond l-avviz legali 233/05.

Ra r-risposta tal-konvenut John Bugeja fejn issolleva illi t-talba attrici hi purament vessatorja bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghal hlas hi ferm eccessiva minn dak verament dovut, liema haga hi r-raguni principali l-ghaliex ma sarx ftehim konklussiv b’mod amikevoli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra mill-atti li t-Tribunal kien ta sentenza fl-24 ta’ April, 2008 f’liema sentenza t-Tribunal kien deherlu illi l-konvenuta Josephine Bonello kienet kontumacja u laqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Josephine Bugeja u l-kawza prosegwiet ghas-smiegh fil-konfront tal-konvenut John Bugeja.

Sema` x-xhieda ta’ Frankie Lee Mifsud u Godwin Mifsud.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

IKKUNSIDRA

Illi mill-provi jirrizulta illi din hija kawza ghal hlas ta’ bilanc dovut rapprezentanti kiri ta’ vettura lil konvenut John Bugeja u li John Bugeja cahad illi huwa ghandu jaghti l-ammont mitlub u li minghajr pregudizzju t-talba hija wahda ferm eccessiva mill-ammont verament dovut.

Illi t-Tribunal sema` x-xhieda tas-socjeta’ attrici fejn ikkonfermaw li l-ammont kien ghadu dovut. L-ammont mitlub kien jinkludi l-kiri ta’ vettura kif ukoll citazzjonijiet li

kien qala' l-konvenut fiz-zmien meta l-vettura kienet fil-pussess tieghu, kif ukoll xi hsara zghira subita mill-istess vettura kawzati mill-konvenut. Illi jidher illi s-socjeta' attrici kienet ghamlet diversi tentattivi sabiex tigbor flusha mill-konvenut izda baqghet inadempjenti.

Illi t-Tribunal jinnota li l-kawza kienet imhollija ghall-provi tal-konvenut ghall-erba' seduti minn Gunju sa Settembru, 2008. Illi l-konvenut John Bugeja minkejja li ghal kull seduta gie msejjah tlett darbiet huwa qatt ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal u wara s-seduta tal-24 ta' April, it-Tribunal jinnota illi l-avukat tal-konvenut ma baqax jidher quddiem dan it-Tribunal ghal din il-kawza.

Illi mill-provi jirrizulta illi t-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fil-konfront tal-konvenut John Bugeja u li l-konvenut qatt ma wera interess fl-andament tal-kawza tant illi naqas milli jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut John Bugeja ihallas fis-somma ta' elfejn, seba' mija u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu (€2,750.99) ekwivalenti ghal Lm1,181, bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghall-konvenut John Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------